MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Numru 1/2002

Fl-atti tar-rikors ta’ Carmel Micallef
vs
Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta’ Carmel Micallef fejn huwa espona bir-rispett:

1. Illi dan ir-rikors qieghed isir ai termini tal-Artikolu 541(1) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9);
2. Illi l-esponent huwa direttur u azzjonista flimkien ma Rita Ciappara ta’ Willard, Triq Papa Pawlu V, Bugibba, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, fis-socjeta’ kummercjali “Melway Limited” illi tiggestixxi l-hanut ossija ‘super market’ bl-isem ‘Melway 11’ fi Vjal il-Haddiem, Rabat;
3. Illi l-esponent huwa armel u m’ghandux ulied u lill-imsemmija Rita Ciappara huwa kien jitrattaha daqs li kieku kienet bintu, tant illi l-fondi biex jinfetah u jigi avvjat l-imsemmi negozju prattikament harighom kollha l-imsemmi Carmel Micallef, ghalkemm fis-socjeta’ kummercjali

“Melway Limited” fuq imsemmija l-ishma gew assenjati liz-zewg partijiet fi kwoti ugwali;

4. Illi l-imsemmija Rita Ciappara kienet talbet lill-esponent biex jghinha peress illi, skond hi, hija kellha dejn ma certu Martin Tanti illi kien qieghed jippressaha ghall-hlas;

5. Illi l-esponent informaha illi huwa ma kienx f’posizzjoni illi jislifha xi flus stante illi l-fondi illi huwa kellu kien uzahom ghall-iskopijiet tan-negozju.

6. Illi l-imsemmija Rita Ciappara kienet nformat lill-esponent illi hija kienet sabet tissellef is-somma ta’ ghaxart telef lira Maltija (LM 10,000) minghand certa Jane Vassallo izda talbitu sabiex fuq l-iskrittura ta’ self jidher hu, u cioe’ l-esponent, minflokha, peress illi hija ma riditx tinvolvi lil zewgha Richard Ciappara, illi huwa membru tal-Korp tal-Pulizija;

7. Illi l-esponent kien accetta illi jaghmel dan bil-kundizzjoni illi immedjatament wara l-imsemmija Rita Ciappara tiffirma skrittura illi permezz taghha hija tiddikjara illi effettivament l-obbligu tar-rifuzjoni u hlas tas-somma mislufa ta’ ghaxart elef lira Maltija (LM10,000) ikun jinkombi fuqha u mhux fuq l-esponent.

8. Illi fil-fatt fit-23 ta’ Gunju, 1998 l-esponent kien mar ghand in-Nutar Pierre Falzon flimkien mal-imsemmija Rita Ciappara u Jane Vassallo fejn giet iffirmata skrittura ta’ self illi qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, filwaqt illi Jane Vassallo ghaddiet lil Rita Ciappara is-somma ta’ ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) fi flus kontanti.

9. Illi l-esponent fl-ebda mument ma ha fil-pussess tieghu la s-somma ta’ ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) u lanqas centezmu wiehed mill-imsemmija somma ta’ flus li ttiehdet mill-imsemmija Rita Ciappara, stante illi, wara kollox, is-self kien intiz ghaliha.

10.Illi l-esponent qabel dik l-okkazzjoni qatt ma kien tkellem mal-fuq citata Jane Vassallo dwar is-self ta’ din is-somma ta’ flus u l-arrangamenti kollha mal-imsemmija Jane Vassallo kienet ghamlithom l-imsemmija Rita Ciappara, u l-esponenti lanqas ma kien involut fl-arrangamenti biex tigi ffirmata l-iskritturfa ta’ self ghand in-nutar u lanqas fl-ghazla u l-hlas tal-istess nutar, izda semplicement gie informat bid-data u l-hin ta’ meta kellu jmur jiffirma l-imsemmija skrittura.

11. Illi anke fl-hin illi Jane Vassallo ghaddiet din is-somma lil Rita Ciappara fi flus kontanti, kienu l-istess Jane Vassallo u Rita Ciappara li kienu ghaddew il-flus u mhux l-esponent illi ma involva ruhu u ma gie involut bl-ebda mod iehor ghajr biex jiffirma l-iskrittura ta' self.
12. Illi l-imsemmija Rita Ciappara naqset mill-obbligu minnha assunt illi tmur flimkien mal-esponent ghand l-avukat ta' fiducja tal-esponent sabiex issir skrittura jew dikjarazzjoni illi permezz taghha hija tirrikonoxxi illi l-obbligu tar-radd lura tal-imsemmija somma ta' ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) kien jispetta u jinkombi unikament fuqha u illi l-esponent effettivament ma kellu x'jaqsam xejn ma dan is-self.
13. Illi, minkejja dan, l-imsemmija Rita Ciappara kienet qed thallas u trod lura lill-imsemmija Jane Vassallo s-somma ta' ghaxart elef lira Maltija (LM10,000) lilha mislufa, u ghalhekk l-esponent ma inkwetax daqstant sa kemm il-hlas kien qieghed isir regolarment.
14. Illi sussegwentement ir-relazzjonijiet bejn l-esponent u l-imsemmija Rita Ciappara iddeterjoraw drastikament minhabba illi l-esponent beda jsib illi l-gestjoni tan-negozju min-naha ta' Rita Ciappara ma kienx qieghed isir kif suppost, bdew jakkumulaw diversi djun u minkejja illi l-esponent kien qieghed ipoggi flus tieghu personali fin-negozju d-dejn kompla jizdied minflok jonqos.
15. Illi fil-fatt l-imsemmija Rita Ciappara kienet waqfet milli tmexxi l-hanut "Melway 11" illi illum huwa gestit unikament mill-esponent.
16. Illi bejn l-esponent u l-imsemmija Rita Ciappara jezistu diversi pendenzi ohra foshom, 'inter alia', hlasijiet dovuti mill-imsemmija Rita Ciappara u zewgha Richard Ciappara ghall-flus lilhom mislufa mill-esponent u ghall-karavan lilhom mibjugh mill-esponent, apparti l-pendenzi relatati strettament man-negozju u l-kumpanija.
17. Illi minkejja illi giet diversi drabi interpellata sabiex tersaq halli tiffirma l-appozita skrittura sabiex tigi regolarizzata s-sitwazzjoni rigwardanti s-self ta' ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) lilha somministrat minn Jane Vassallo kif fuq espost, u minkejja illi l-istess Rita Ciappara effettivament irrikonoxxiet illi tali self sar a favur taghha u mhux tal-esponent, hija baqghet tirrifjuta illi taghmel dan.

18. Illi bl-agir taghha l-imsemmija Rita Ciappara irrendiet ruhha hatja ta’ offiza kriminali ta’ frodi ghad-dannu tal-esponent.
19. Illi l-esponent kiteb lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex jigu istitwiti proceduri kriminali kontra l-imsemmija Rita Ciappara, izda permezz ta’ ittra datata 14 ta’ Awissu, 2002, li qed tigi hawn annessa bhala Dok. B il-Pulizija Ezekuttiva gharrfet lill-esponent illi ma kienx hemm ragunijiet sufficjenti biex jigu istitwiti proceduri kriminali kontra l-imsemmija Rita Ciappara u li l-pendenzi illi l-esponent kellu mal-imsemmija Rita Ciappara kienu ta’ natura civili.
20. Illi indubbjament jissussistu l-estremi tal-offiza kriminali ta’ frodi a bazi tal-principju kardinali ‘fraus omnia corrumpit”, u ghalhekk kellha ssir din l-odjerna procedura.

Ghal dawn il-motivi, l-esponent, filwaqt illi jobbliga ruhu illi jikkonferma l-kontenut tar-rikors odjern bil-gurament u jaghti garanzija, somma illi tigi iffissata minn din il-Qorti, sabiex jidher halli jaghti x-xhieda tieghu f’dawn il-proceduri u fl-eventwali proceduri kriminali kontra l-imsemmija Rita Ciappara, u dan a tenur tal-proviso tal-artikolu 541 (1) tal-Kodici Kriminali, filwaqt illi jitlob illi jinghata l-fakulta biex biex jipproducu l-provi kollha mehtiega, jitlob lil din il-Qorti joghgobha tordna lill-pulizija esekuttiva sabiex, ghar-ragunijiet fuq imfissra, tipprocedi gudizzjarment kontra l-imsemmija Rita Ciappara u tordna kommunika tal-appozitu digriet lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini tal-Artikolu 541 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, salv dejjem kull ordni u provvediment iehor li din l-istess Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Settembru, 2002;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-10 ta’ Settembru, 2002;

Rat in-Nota tar-rikorrent tas-7 ta’ Ottubru, 2002;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz lir-rikorrent Carmel Micallef;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi mill-asjem tal-provi kollha prodotti l-fatti, kif esposti fir-rikors ta’ Carmel Micallef tas-27 ta’ Awissu, 2002, jirrizultaw ippruvati prima facie u ir-rekwiziti tal-Artikolu 541 tal-Kap 9 jirrizultaw ukoll kollha sodisfatti.

Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 541 (1) tal-Kap. 9, taqta u tiddeciedi illi mix-xhieda kollha prodotti hija sodisfatta illi l-kwerela li ghamel ir-rikorrent lill-Kummissarju tal-Pulizija hija prima facie gustifikata.

Ghaldaqstant hija tilqa t-talbiet kollha maghmula fir-rikors ta’ Carmel Micallef tas-27 ta’ Awissu, 2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jinnotifika lill-Kummissarju tal-Pulizija b’din l-ordni.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 541 (3) tal-Kap. 9 u tordna li dan id-digriet ikun innotifikat lill-Avukat Generali fi zmien jumejn tax-xoghol mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------